

2) TO hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 213, 24.6.2019.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-23 ta' Lulju 2020 – Palacio Domecq vs EUIPO – Domecq Bodega Las Copas (PALACIO DOMEQ 1778)**

(Kawża T-354/19) (<sup>1</sup>)

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2020/C 371/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Palacio Domecq, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A. Otero Iglesias, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Domecq Bodega Las Copas, SL (Jerez de la Frontera, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Marzu 2019 (Każ R 867/2018-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Domecq Bodega Las Copas u Palacio Domecq.

### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 255, 29.7.2019.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-3 ta' Awwissu 2020 – Inova Semiconductors vs EUIPO – Venta Servicio LED (ISELED)**

(Kawża T-604/19) (<sup>1</sup>)

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Rinunzia għall-indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' regiſtrazzjoni internazzjonali – Tmiem tas-suġġett tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2020/C 371/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Inova Semiconductors GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schmidpeter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Venta Servicio LED, SL (Martorell, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Ġunju 2019 (Każ R 2149/2018-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Venta Servicio LED u Inova Semiconductors.

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.
- 2) Inova Semiconductors GmbH għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk esposti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 363, 28.10.2019.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Settembru 2020 – ENIL Brussels Office et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-613/19) (<sup>1</sup>)

*("Rikors għal annullament – FEŻR – Programm operazzjonali 'Reġjuni fi Tkabbir' – Assi Prioritarju 5 (Infrastruttura Soċjali Reġjonali) – Sussidju intiż għall-appoġġ għad-destituzzjonalizzazzjoni tas-servizzi għal adulti u għal persuni b'diżabbiltà – Rifsut ta' sospensjoni tas-sejħa għal proposti fuq it-talba ta' organizazzjonijiet għad-difiża u għar-rappreżentanza ta' persuni b'diżabbiltà – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà")*

(2020/C 371/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Network on Independent Living Brussels Office (ENIL Brussels Office) (Brussels, il-Belġu), Validity Foundation-Mental Disability Advocacy Centre (Budapest, l-Ungaria), Center for Independent Living Association (Sofia, il-Bulgarija) (rappreżentanti: B. Van Vooren u L. Gorywoda, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u J. Hradil, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha din l-istituzzjoni ħadet pożizzjoni dwar it-talba tar-rikorrenti għal teħid ta' azzjoni indirizzata lill-Kummissjoni, taħt l-Artikolu 265 TFUE, b'ittra tas-26 ta' April 2019 u li kienet intiża, essenzjalment, sabiex il-Kummissjoni tissospendi s-sejħa għal proposti għall-għoti ta' sussidji fil-kuntest tal-proċedura "Appoġġ għad-destituzzjonalizzazzjoni ta' servizzi soċjali għall-anzjani u persuni b'diżabbiltà" (BG16RFOP0001-5.002) u l-pagamenti kollha relatati.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) European Network on Independent Living Brussels Office (ENIL Brussels Office), Validity Foundation-Mental Disability Advocacy Centre u Center for Independent Living Association huma kkundannati għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 413, 9.12.2019.